MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2008

Talba Numru. 322/2007

**Atlas Insurance PCC Ltd. (C5601) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Frank S. Portelli Ltd. ai termini tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi u l-istess Frank S. Portelli Ltd. u b'digriet tat-Tribunal tal-24 ta' Ottubru, 2007 giet ordnata il-korrezzjoni fis-sens li fejn hemm "Frank S. Portelli Ltd" ghandha titnehha l-kelma "Ltd."**

**Vs**

**Antoine Falzon**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tal-atturi fejn hemm premess illi s-socjeta' attrici Frank S. Portelli soffriet danni meta kwantita' konsiderevoli ta' ilma, li kien gej mill-proprjeta' tal-konvenut, ppenetra ghal gol-proprjeta' taghha li jinsab fi Triq Barbara, Hamrun u bhala rizultat xi merkanzija illi

kienet fl-imsemmi fond kif ukoll il-proprjeta' garbu xi hsarat.
Illi s-socjeta' Frank S. Portelli kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni fuq il-proprjeta' taghha u ghaldaqstant in segwitu ghall-incident fuq imsemmi hija ghamlet 'claim' mas-socjeta' attrici Atlas Insurance PCC Ltd, li da parti taghha hallsitha s-somma komplessiva ta' hames mija u tletin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm530.22), u cioe' llum ekwivalenti ghal elf, mitejn u hamsa u tletin Euro u tmien centezmi (€1,235.08), u ghalhekk is-socjeta' attrici giet surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha.

Illi s-socjeta' attrici Frank S. Portelli Ltd. hallset is-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25), ekwivalenti ghal tmienja u hamsin Euro u tlieta u ghoxrin centemzu (€58.23) bhala 'excess'.

Illi l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni minhabba traskuragni, negligenza, u imperizja da parti tieghu u ghaldaqstant ghandu jigi kkundannat sabiex ihallas lill-atturi Atlas Insurance PCC Ltd s-somma komplessiva ta' hames mija u tletin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm530.22), illum ekwivalenti ghal elf, mitejn u hamsa u tletin Euro u tmien centezmi (€1,235.08), rappresentanti danni illi soffrew l-istess atturi bhala rizultat tal-atti jew omissjonijiet da parti tal-konvenut.

Bl-imghax u l-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali tas-26 ta' Ottubru, 2006 kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante illi l-ebda ammont m'hu dovut kif ser jigi ppruvat waqt is-smiegh u trattazzjoni tal-kawza.

Illi, bla pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa esagerat.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra x-xhieda ta’ Joanna Busuttil li tokkupa l-kariga ta’ ‘claims handler’ mas-socjeta’ attrici. Tispjega li s-socjeta’ li kienet assigurata maghhom kellha polza ta’ ‘fire and special peril insurance’.

Tispjega li fil-5 ta’ Mejju, 2006, kien cempel Nicholas Portelli, Direttur tas-socjeta’ assikurata, li rraporta li kien hemm ‘leakage’, fil-proprjeta’ li kellhom f’Barbara Str, Hamrun .

Kienet qabdet lil Perit Patrick Calleja u flimkien mieghu u Nicholas Portelli kienu marru fuq il-post fil-15 ta’ Mejju, 2006 sabiex jaraw x’danni kien hemm, izda rrizulta li kien hemm danni fl-‘istock’ tal-karti. Ftehmu li jsir ‘claim’ ta’ erba’ mitt lira Maltin (Lm400), illum ekwivalenti ghal disa’ mija u wiehed u tletin Euro u hamsa u sebghin centezmi (€931.75), u dan ghall-karti tal-‘photocopier’ biss.

It-talba qed issir ghal hames mija u tletin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm530.22), illum ekwivalenti ghal elf, mitejn u hamsa u tletin Euro u tmien centezmi (€1,235.08), ghaliex kien hemm ukoll tlieta u sittin lira Maltin (Lm63) ‘fees’, u cioe’ ekwivalenti ghal mija u sitta u erbghin Euro u hamsa u sebghin centezmu (Euros 146.75), bhala spejjes tal-bajjad kif ukoll tal-Perit li wahedhom ammontaw ghal tnejn u erbghin lira Maltin (Lm42), u cioe’ ekwivalenti ghal sebgha u disghin Euros tlieta u tmenin centezmu (€97.83) , ‘plus excess fee’ ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25), u cioe’ ekwivalenti ghal tmienja u hamsin Euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€58.23).

Ra x-xhieda ta’ Nicholas Portelli li jikkonferma li kien jahdem ma’ missieru Frank S. Portelli u li kellhom mahzen fi Triq Barbara, Hamrun.

Jispjega li f’dan il-post kienu jzommu l-merkanzija taghhom. Kien f’Mejju, 2006 meta kien gie infurmat li kien hemm xi ilma niezel mis-saqaf ta’ dan il-mahzen u meta mar fuq il-post sab li kien nizel ammont sostanzjali ta’ ilma li kien ikkaguna hsara fil-merkanzija taghhom.

Ighid li bl-ghajnuna tal-impjegati kienu nehhew il-merkanzija minn fejn kien niezel l-ilma mis-saqaf. L-istess impjegati kienu marru jkellmu lis-sidien tal-post u cioe' tal-konvenut, li kien jinstab sovrastanti taghhom u rrizulta li kien hemm 'pipe' maqsum fil-bitha tal-appartament tal-konvenut. Dan kien irrangah u l-ilma waqaf.

Jikkonferma li hu kien ghamel 'claim' ghall-hsarat li kienet garbet xi merkanzija u kienu thallsu erba' mija u sitta u tletin lira Maltin (Lm436), u cioe' ekwivalenti ghal elf u hmistax-il Euro u wiehed u sittin centezmu (€1,015.61), minghand is-socjeta' attrici.

Ra x-xhieda tal-Perit Patrick Calleja li jikkonferma li kien gie mqabbad mis-socjeta' Atlas Insurance sabiex jinvestiga l-bini, proprjeta' tal-assikurat. Irrizulta li kien hemm xi ilma gej minn xi 'pipe', mill-proprjeta' tal-konvenut u li dan kien ilu jqattar, tant li l-bini kien ghadu mxarrab, anke jekk meta mar kien sab li l-'pipe' kien inbidel. Kien hemm ukoll 'rising damp'.

Jikkonferma wkoll li kien hemm xi karti li kienu xxarbu xi gimghatejn qabel ma mar u dan minhabba l-ilma li kien dahal. Ma kienx hemm 'junction fitting'.

Ra x-xhieda ta' Antoine Falzon li jikkonferma li hu kellu post li kien jinstab fuq il-mahzen tas-socjeta' assikurata. Ighid li kienu jilmentaw li kien jidhlilhom l-ilma u darba meta inzerta caqlaq xi cilindru tal-gass irrizulta li kien hemm 'pipe' maqsum u li l-ilma kien qed jidhol minn hemm. Kien irrangah u kien informa s-socjeta'.

Jikkonferma li kienu qalulu li kien hemm xi hsarat f'xi karti, pero' ma kienx ikkonferma l-kwantita' ta' karti li kienu allegatament ixxarbu u jikkonferma li kien gie infurmat mis-socjeta' Atlas Insurance PCC Limited dwar dan, izda hu qatt m'ghamel il-verifiki tieghu.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

<u>Ikkunsidra</u>

L-ewwel eccezzjoni tal-konvenut hija li m'ghandu jaghti ebda ammont lis-socjeta' attrici Atlas Insurance PCC Ltd u dan ghaliex ma kienx negligenti jew traskurat fi hwejjgu u cioe' li mhux responsabbli jekk dahal l-ilma u kkaguna hsarat fil-merkanzija li kien jinstab fil-mahzen tal-attur Frank S. Portelli Ltd.

Huwa fatt li ma giex ikkontestat li l-fond tal-konvenut kien jinstab sovrastanti ghal dak tas-socjeta' Frank S. Portelli Ltd. li precisament kien mahzen u li kien hemm 'pipe' li kien biddel id-direzzjoni u li ma kellux 'junction fitting'.

Jirrizulta mill-provi li dan l-ilma kien ilu niezel ghal zmien twil ghaliex minn ezami li sar mill-Perit Patrick Grech irrizulta li kien hemm dan il-'pipe' fil-bitha li kellu bzonn jinbidel u li kien hemm ukoll sinjali ta 'rising damp' fil-hitan tal-istess bitha. Din hija indikazzjoni li kien hemm xi problema ta' umdita' fil-bitha u li kien qed jigi kkagunat b'xi mod jew iehor.

Il-konvenut stess jikkonferma li s-socjeta' Frank S. Portelli Ltd. kienet gieli qaltlu li kien hemm ilma fil-mahzen u ghal bidu kienu jahsbu li kien gej  mix-xita. Ighid li hu b'kumbinazzjoni induna li kien hemm 'pipe' maqsum meta ccaqlaq cilindru tal-gass li kien jinstab fil-bitha u l-'pipe' kien jinstab mohbi warajh.

It-Tribunal josserva li jekk kemm –il darba s-socjeta' assikurata kienet tkellmet mal-konvenut kien minhabba li kellha xi suspetti li l-ilma li kien qed jidhlilhom kien gej mill-proprjeta' tieghu.

Il-Perit stess iccertifika li l-ilma kien ilu ghaddej mill-hitan u l-proprjeta' kienet imxarrba sew. Tant hu hekk li meta kien mar sabiex jaghmel access fil-fond dan, kien ghaxart (10) ijiem wara li sar ir-rapport (5 ta' Mejju, 2006 sar rapport u fil-15 ta' Mejju, il-Perit mar fuq il-post). U ighid li l-hitan fil-mahzen kienu ghadhom imxarrbin u dan meta l-'pipe' kien issewwa prattikament immedjatament wara li sar ir-rapport, cioe' l-ghada li saru jafu li kien hemm dan l-ilma.

Ghalhekk, huwa inkoncepibbli kif l-konvenut jippretendi li l-ammont mhux dovut minnu, meta jidher car li minkejja li kien gie infurmat li kien hemm ilma diehel fil-mahzen m’ghamel xejn sabiex jaghmel il-verifiki tieghu, sakemm induna incidentalment x’kien il-kagun u dan anke wara li gie infurmat mill-impjegati tas-socjeta’ assikurata li kien hemm xi problema b’xi ‘pipe’. Kien hemm nuqqasijiet da parti tieghu biex jivverifika mill-ewwel jekk seta’ kienx hemm xi problema da parti tal-proprjeta’ tieghu, dan sehh biss wara li kien hemm hafna hsarat fil-merkanzija li din id-darba kienet tikkonsisti f’karti tal-‘photocopier’. Ghalhekk, it-Tribunal ihoss li kien hemm certu grad ta’ negligenza da parti tal-konvenut. Fl-istess waqt hemm provi bizzejjed li l-hsarat kienu ikkagunati permezz tal-ilma li beda jnixxi minn dan il-‘pipe’ maqsum.

Jibqa’ ghalhekk sabiex jigi kkunsidrat l-ammont li huwa dovut mill-konvenut. Is-socjeta’ attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta’ hames mija u tletin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm530.22), u cioe’ llum ekwivalenti ghal elf, mitejn u hamsa u tletin Euro u tmien centezmi (€1,235.08).

Tispjega li kien ftehim li l-‘claim’ ssir fl-ammont ta’ erba’ mija u tlieta u sittin lira Maltin (Lm436), u cioe’ ekwivalenti ghal elf u hmistax-il Euro u wiehed u sittin centezmu (€1,015.61), u dan in kwantu jirrigwarda l-hsarat li gew ikkagunati fil-karti tal-‘photocopier’.

Is-socjeta’ assikuratrici pproduciet provi ukoll li kien hemm hlas ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25), u cioe’ ekwivalenti ghal tmienja u hamsin Euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€58.23), bhala ‘excess’ li gew imhallsa mill-attur. Kien hemm ukoll spejjes professjonali tal-Perit li kienu jammontaw ghal tnejn u erbghin lira Maltin (Lm42), u cioe’ ekwivalenti ghal sebgha u disghin Euro u tlieta u tmenin centezmu (€97.83).

Is-socjeta’ assikurata tirreferi ukoll ghall-ispejjes tal-Bajjad pero’ ma giet ipprezentata l-ebda rcevuta in sostenn tal-ammont mitlub. It-Tribunal ihoss li cionostante stante li

dan l-ammont gie konfermat bil-gurament u mhux espressament kontestat, ghandu jigi akkolt.

Ghalhekk, l-ammont li huwa dovut mill-konvenut huwa dak mitlub u cioe’ ta’ hames mija u tletin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm530.22), u cioe’ llum ekwivalenti ghal elf, mitejn u hamsa u tletin Euro u tmien centezmi (€1,235.08).

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut filwaqt li jilqa’ it-talbiet attrici fl-intier taghhom b-ispejjes u imghax kif mitlub a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------